**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Frar, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 87/2015**

***AIC DAVID XUEREB***

***VS.***

***TOM JENSEN***

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell li sar mill-espert ġudizzjarju Marielouise Caruana Galea kontra taxxa ta' drittijiet maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti fit-30 ta' Settembru, 2021;

***Daħla***

2. B'nota mressqa fis-**16 ta' Ottubru, 2021**, l-espert ġudizzjarju l-Perit Marielouise Caruana Galea fissret li hija ġiet maħtura minn din il-qorti bħala espert f'din il-kawża. Hija tisħaq li d-dritt dwar ix-xogħol tagħha li ġie intaxxat mir-reġistratur tal-qorti nħadem ħażin;

3. Fl-ispeċifiku hija ssostni li d-dritt tagħha kellu jiġi intaxxat fuq erbatax-il punt ta' dritt u mhux fuq tliet punti ta' dritt, kif hekk għamel ir-reġistratur, b'dana li l-kont tagħha

minn €1,522.50 (inkluż it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (TVM)) għandu jitla' għal €2,888 (inkluż it-TVM);

4. Minħabba li l-espert ġudizzjarju tgħid li r-reġistratur ħadem it-taxxa ħażina hija talbet lill-qorti sabiex:

> *«Tirrevedi t-taxxa maħruġa biex tinkludi l-erbatax-il punt trattat imniżżla fil-konklużjonijiet tar-rapport peritali, peress li dawn kienu essenzjali biex tindirizza l-ewwel u t-tieni talba kif ukoll minħabba l-fatt li dawn l-erbatax-il osservazzjonijiet tekniċi kienu parti mill-inkarigu tagħha hekk kif spjegat supra*
>
> *u dan, naturalment, dipendenti minn dawk l-ordnijiet u/jew direttivi ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti temmen li huma opportuni fiċ-ċirkostanzi.»*

5. Fil-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar, 2022, l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li huma jħallu f'idejn il-qorti dwar kif għandha tiġi deċiża dina t-talba tal-espert ġudizzjarju. Dakinhar ukoll, intlaħaq qbil bejn il-partijiet involuti, li l-qorti setgħet tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha għal-lum (ara paġni 1473 u 1474 tal-atti tal-kawża);

***Fatti***

6. B'digriet mogħti fil-15 ta' Mejju, 2015 (ara paġna 34 tal-atti), il-qorti ħatret lil Perit Alan Saliba bħala espert ġudizzjarju. Il-Perit Alan Saliba rrinunzja minn din il-ħatra (ara paġna 1217 tal-atti) u minfloku nħatret il-Perit Marielouise Caruana Galea (ara paġna 1224 tal-atti tal-kawża);

7. Fit-30 ta' Settembru, 2021, id-Deputat Reġistratur tal-Qorti ħarġet avviż li kien jgħid li d-dritt li għandu jitħallas lill-espert ġudizzjarju għall-ħidma tagħha huwa ta' €1552.50;

8. B'rikors imressaq fit-12 ta' Ottubru, 2021 (ara paġni 1296 sa 1297 tal-atti), l-espert ġudizzjarju l-Perit Marielouise Caruana Galea talbet biex ikun hemm reviżjoni tat-

taxxa għaliex skont hi, hija misset ma' erbatax-il punt legali u mhux ma' tliet punti legali kif iddeċidiet id-Deputat Reġistratur tal-Qorti;

9. B'digriet mogħti fil-15 ta' Ottubru, 2021 (ara paġni 1298 u 1299 tal-atti), il-qorti astjeniet milli tqis dan ir-rikors għaliex sabet li r-rapport tal-espert ġudizzjarju kienu għadu ma ġiex ippubblikat u kien għadu ma ġiex imdaħħal fl-atti tal-kawża u minħabba f'hekk kien għadu ma telaqx it-terminu skont l-**artikolu 667(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex jiġi appellat il-kont tad-dritt intaxxat. Minbarra dan, il-qorti qieset ukoll li ma kienx sew li hija tiddeċiedi dan ir-rikors fuq kemm-il punt ta' dritt suppost ġie deċiż, meta l-partijiet fil-kawża, li fl-aħħar mill-aħħar riedu jħallsu l-kont tat-taxxa, kienu għadhom ma jafux x'fih ir-rapport;

10. Ir-rapport tal-espert ġudizzjarju ġie ppubblikat fis-26 ta' Ottubru, 2021 u dakinhar stess l-espert ġudizzjarju ressqet dan l-appell biex it-taxxa tad-dritt tagħha jiġi rivedut 'il fuq (ara paġni 1448 sa 1450 tal-atti);

***Konsiderazzjonijiet***

11. Il-proċedura mnedija mill-espert ġudizzjarju taqa' taħt l-**artikolu 667 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

12. Dan l-artikolu tal-liġi jagħti l-jedd lill-espert ġudizzjarju jew lill-partijiet, li jappellaw minn taxxa tad-drittijiet tal-espert li tinħareġ mir-reġistratur tal-qorti. Kif tgħid il-liġi, dan l-appell għandu jsir quddiem il-qorti li tkun ħatret dak l-espert u kif imfisser fil-ġurisprudenza, ladarba l-**artikolu 667(1)** jitkellem fuq appell, allura d-deċiżjoni li tingħata minn din il-qorti għandha titqies bħala waħda finali, li ma tistax tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell (ara ***Alfred Baldacchino v. Kummissarju tal-Artijiet et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Frar, 2005 u ***Perit Arkitett Valerio Schembri v. Ir-Reġistratur tal-Qorti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru, 2011);

13. Dan meqjus, fil-każ tagħna, l-espert ġudizzjarju qiegħda tgħid fl-appell tagħha li t-taxxa tad-drittijiet għandha tinħadem mill-ġdid għaliex id-Deputat Reġistratur ħadmet id-drittijiet fuq tliet punti ta' liġi, meta suppost kellha taħdimhom fuq erbatax-il punt ta' liġi;

14. Biex wieħed jagħti ftit perspettiva, tajjeb li jingħad li t-taxxa tad-drittijiet tal-espert ġudizzjarju tinħadem skont **Tariffa K**, li hemm mehmuża ma' **Skeda A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Issa jekk wieħed imur lejn **paragrafu 16** ta' din it-Tariffa, wieħed isib hekk:

> *«**Drittijiet pagabbli lill-periti maħtura mill-Qorti bħala esperti tal-Qorti**, inklużi periti maħtura mill-Bord ta'Arbitraġġ skont l-artikolu 25(3) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88), **għal kull opinjoni trattata fir-rapport għandhom ikunu sa massimu ta' €116.47 għal kull punt ta' dritt li jiġi deċiż**. Kull kalkolu jew komputazzjoni ta' ammont biex jingħata bħala danni jew kumpens mill-Qrati għandu jitqies bħala opinjoni, u l-massimu taxxabbli għal dik l-opinjoni għandu jkun €232.94. Il-kriterju għandu jkun ix-xogħol involut u qatt l-ammont stmat mill-perit ġudizzjarju:*
>
> *Iżda d-dritt pagabbli għal kull rapport m'għandu fl-ebdakaż jeċċedi elfejn euro (€2000)»*

15. Mela skont dan il-paragrafu, espert ġudizzjarju għandu dritt li jitħallas sa massimu ta' €116.47 għal kull punt ta' dritt li jiġi deċiż;

16. Issa l-kwistjoni li għandha quddiemha din il-qorti huwa kemm-il punt ta' dritt qieset l-espert ġudizzjarju fir-rapport tagħha, jiġifieri, jekk hux tlieta kif tgħid id-deputat reġistratur fil-kont tagħha jew inkella erbatax kif tgħid l-espert ġudizzjarju fin-nota tal-appell tagħha;

17. Naturalment fid-deċiżjoni tagħha, din il-qorti trid twieżen bejn il-jedd tal-espert ġudizzjarju li huwa jitħallas kemm ħaqqu skont il-liġi u l-jedd tal-partijiet fil-kawża li ma jħallsux aktar milli jmisshom għar-rapport li jkun għamel l-espert ġudizzjarju. F'dan il-kuntest, wieħed ma jridx jinsa wkoll li l-għan ewlieni wara r-rapport ta' espert ġudizzjarju huwa li jgħin lill-qorti biex twettaq ġustizzja. Ifisser, li meta

persuna tiġi mqabbda bħala espert ġudizzjarju hija għandha tħares lejn dik il-ħatra bħala dover lejn is-soċjetà Maltija, aktar milli bħala opportunità ta' qligħ finanzjarju. Dan għaliex b'riħet dik il-ħatra, dak l-espert ikun qiegħed sservi bħala strument essenzjali fl-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja;

18. Lura għall-każ tagħna, din il-qorti fliet aktar minn darba waħda r-rapport imħejji mill-espert ġudizzjarju, u jkollha tistqarr li hija ma ratx fejn huma dawn l-erbatax-il punt ta' dritt, li l-espert ġudizzjarju qiegħda tgħid li daħlet fihom biex setgħet wettqet l-inkarigu tagħha. Huwa minnu li fil-konsiderazzjonijiet tagħha, l-espert ġudizzjarju kitbet erbatax-il paragrafu, imma b'daqshekk dan ma jfissirx li kull paragrafu għandu jsarraf f'punt ta' dritt għar-rasu. Tassew il-punti ta' dritt imsemmija f'**paragrafu 16** ta' **Tariffa K** ma jinħadmux fuq kemm il-paragrafi jitniżżlu fir-rapport tal-espert imma għandhom jinħadmu fuq il-kontenut ta' dawk il-paragrafi;

19. Fuq kollox, hija l-espert ġudizzjarju stess li f'paġna 8 tar-rapport tagħha tgħid li, «*it is the court Expert's opinion that the case revolves on **<u>three main issues</u>** which will be considered in greater detail.*» Dawn it-tliet punti ewlenija huma: (i) it-tip ta' ingaġġ tal-attur; (ii) ix-xogħol li wettaq l-attur qabel ġie mitmum l-inkarigu tiegħu; u (iii) il-valur tax-xogħol li wettaq;

20. Imxiet sew għalhekk id-deputat reġistratur meta ħadmet it-taxxa tad-drittijiet tal-espert ġudizzjarju fuq tliet punti ta' dritt. Dan għaliex ma kienx hemm aktar minn tliet punti ta' dritt li ġew trattati fir-rapport;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda tiċħad it-talba tal-espert ġudizzjarju Marielouise Caruana Galea magħmula bin-nota tas-16 ta' Ottubru, 2021 biex ikun hemm reviżjoni tat-taxxa tad-drittijiet tagħha;

L-ispejjeż marbuta ma’ dina d-deċiżjoni għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-espert ġudizzjarju Marieloiuse Caruana Galea;

---

**Christian Falzon Scerri**

**Imħallef**